**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru 64/2017**

**Alexandre Lindo Wladyslaw Grela**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Alexandre Lindo Wladyslaw Grela** ipprezentat fid-9 ta' Novembru 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi permezz ta' ittra datata 1 ta' Settembru 2017 (Dok. A) mibghuta minn Identity Malta l-esponenti gie nfurmat illi "..your residence document is now ready for collection." Illi jinghad ukoll illi waqt illi din l-ittra ggib id-data tal-1 ta' Settembru 2017, xorta wahda jidher mill-istess timbru postali fuq l-envelope illi din giet effettivament impustata fl-4 ta' Settembru 2017.*

*Illi mill-banda l-ohra id-dokument ta' residenza tal-esponenti li jgib in-numru MT 5626283 jidher illi nhareg fit-22 ta' Awwissu 2017 (Dok. B).*

*Illi sadanittant fis-26 ta' Settembru 2017 l-esponenti applika ghall-ezenzjoni ta' taxxa fuq il-vettura bir-registrazzjoni numru EX 61 HGG u dwar dan anke gie rilaxxjata lilu ittra f'dan is-sens (Dok. C).*

*Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Ottubru 2017 (Dok. D) konsistenti fid-decizjoni hawn appellata, l-esponenti gie avzat illi "Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4 (3) (e) which stipulates that "where a*

*person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which the person had transferred his residence to Malta".*

*Fl-istess ittra l-esponenti gie avzat ukoll bid-dritt tieghu illi jappella fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mid-data tal-istess ittra.*

*Illi l-esponenti hass ruhu aggravat b'din id-decizjoni u ghalhekk bil-prezenti qed jappella minn din l-istess decizjoni komunikata lilu permezz ta' ittra datata 19 ta' Ottubru 2017 kif fuq indikat.*

*Illi l-aggravji huma cari u manifesti f'dan li gej:*

*Illi jigi rilevat illi l-istess decizjoni hawn appellata tinvoka l-perjodu ta' tletin gurnata stipulat fl-artikolu 4(3)(e) tal-Avviz Legali 440 tal-2013. Dan l-istess perjodu ta' tletin gurnata jiskatta "from the date on which the person has transferred his residence to Malta".*

*Illi stabbilit illi hemm perjodu ta' tletin gurnata, l-istess applikant naturalment ghandu ikun konxju minn meta dawn jiskattaw b'tali mod illi tali perjodu ma jigi bl-ebda mod imnaqqas.*

*Illi jinghad ukoll illi fil-kaz in ezami wiehed ghandu jqis illi ghalkemm id-dokument ta' residenza nnifsu ggib id-data tat-22 ta' Awwissu 2017 xorta wahda pero' kien biss fl-1 ta' Settembru 2017 u cioe' disat ijiem wara illi nhraget ittra ta' avviz mill-Identity Malta illi tali dokument ta' residenza seta' jingabar u qatt qabel dik id-data ma seta' jkun jaf l-esponenti jekk it-talba tieghu ghall-hrug ta' residenza kienetx intlaqghet jew le. Tant hu hekk illi l-istess ittra kienet taqra wkoll "The document may be collected upon presentation of this letter...." u anke tat il-pin numbers tal-eResidence card.*

*Illi terga' u tghid illi din l-ittra li ggib id-data tal-1 ta' Settembru 2017 giet impustata lill-esponenti fl-4 ta' Settembru 2017 kif jirrizulta mill-istess timbru fuq l-envelope, jigifieri tlettax-il gurnata wara d-data tat-22 ta' Awwissu 2017 li tidher fuq l-istess dokument ta' residenza.*

*Illi ghalhekk l-aktar kmieni li seta' rcieva dan l-avviz ossija ittra datata 1 ta' Settembru kien fil-5 ta' Settembru 2017, u aktar l-aktar kmieni illi l-esponenti seta' gabar kien fl-istess gurnata u cioe' fil-5 ta' Settembru 2017!*

*Illi dan ifisser illi jekk wiehed kellu jargumenta illi l-perjodu ta' tletin gurnata jiskattaw mid-data li tinsab fuq id-dokument tar-residenza, dan ifisser illi fil-kaz odjern l-esponenti applikant kellu biss a dispozizzjoni tieghu perjodu anqas minn dak ta' tletin gurnata stipulat mil-ligi, stante illi l-aktar kmieni li seta' jmur jigbor d-dokument ta' residenza kien fil-5 ta' Settembru 2017 u cioe' erbatax-il gurnata wara t-22 ta' Awwissu 2017 u ghalhekk dan ihalli biss sittax-il gurnata (minflok tletin gurnata sanciti bil-ligi) lill-applikant sabiex iressaq applikazzjoni appozita ghall-ezenzjoni ta' taxxa fuq il-vettura tieghu.*

*Illi dan ikun ifisser illi l-istess esponenti gie pregudikat mill-istess terminu moghti lilu skont il-ligi.*

*Illi ghalhekk fic-cirkostanzi jirrizulta illi t-terminu ta' tletin gurnata ma kienx ghadu skada meta l-esponenti ressaq l-applikazzjoni appozita tieghu.*

*Illi ghalhekk hemm lok illi d-decizjoni moghtija permezz ta' ittra datata 19 ta' Ottubru 2017 tigi kancellata u l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ta' taxxa fuq il-vettura tal-marka Toyota Auris bin-numru ta' registrazzjoni EX 61 HGG tigi milqugha.*

*Ghaldaqstant l-esponenti, in vista ta' suespost filwaqt illi jirriserva d-dritt li jressaq provi u argumenti ulterjuri sabiex jissostanza l-aggravji tieghu, umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jilqa' l-appell u jirrevoka, jannulla u jhassar id-decizjoni moghtija permezz ta' ittra datata 19 ta' Ottubru 2017 fuq imsemmija u konsegwentement jilqa' l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ta' taxxa fuq il-vettura tal-marka Toyota Auris bin-numru ta' registrazzjoni EX 61 HGG bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimat. "*

Ra r-risposta tal-**Ministeru ghall-Finanzi** pprezentata fis-6 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *L-esponent sejjer bil-preżenti risposta jwieġeb għar-rikors ta'* ***Alexander Lindo Wladyslaw Grela*** *li permezz tiegħu talab lil dan l-Onorabli Tribunal sabiex jirrevoka, jannulla u jħassar id-deċiżjoni mogħtija permezz ta' ittra datata 19 ta' Ottubru 2017 u konsegwentement jilqa' l-applikazzjoni għall-ezenzjoni ta' taxxa fuq il-vettura tal-marka* ***Toyota Auris bin-numru ta' reġistrazzjoni EX 61 HGG****.*

2. *L-esponent jeċċepixxi illi l-allegazzjonijiet kollha tal-appellant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri f'dan ir-rikors;*

3. *Preliminarjament, u bla pregudizzju għall-premess, l-appellant ikwota artikolu ħazin fir-rikors promutur meta rrefera għad-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Finanzi. Il-Ministeru irrifjuta l-applikazzjoni tal-appellant a bazi tal-artikolu 4(3)(e) u mhux 4(3)(c) tal-****Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01.***

4. *Fil-fatt, il-Ministeru għall-Finanzi permezz ta' ittra,* ***(ittra tal-Ministeru hawn annessa u mmarkata DOK MF 1)*** *avża lill* ***Alexander Lindo Wladyslaw Grela*** *li l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx milqugħa minħabba li hu ma applikax fit-terminu ta' tletin jum hekk kif stipulat fl-****artikolu 4(3)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01.*** *Dan l-artikolu japplika meta applikant ikun ittrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta u l-vettura tkun ġa waslet Malta.*
5. *Fil-każ preżenti, l-appellant iddikjara fl-applikazzjoni* ***(Kopja tal-applikazzjoni hawn annessa u mmarkata MF 2)*** *tiegħu li hu trasferixxa l-vettura tiegħu hawn Malta fis-16 ta' Ġunju 2017* ***(kopja tal-biljett tal-katamaran anness u mmarkat DOK MF 3)*** *u li ha r-residenza tiegħu hawn Malta fit-22 ta' Awissu 2017* ***(kopja tad-dokument tar-residenza anness u mmarkat DOK MF 4).*** *Allura il-vettura waslet Malta ftit aktar min xahrejn qabel li hu ha r-residenza tiegħu hawn Malta. Għalhekk japplika* ***l-artikolu 4(3)(e) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01.***

6. *L-appellant jilmenta li t-terminu ta' tletin jum gie mnaqqas minħabba li kellu jistenna madwar erbatax-il jum biex jirċievi d-dokumnet ta' residenza qabel seta' jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Fil-fatt hu mar japplika għad-dokument*

*ta' residenza fit-22 ta' Awissu 2017 u irċieva l-ittra biex jiġbor id-dokument madwar il-5 ta' Settembru 2017.*

7. *Qabel xejn l-esponent jirrileva li hadd ma kien qed iżomm l-appellant biex japplika qabel l-erbatax il-jum. Hu seta' applika qabel irċieva id-dokument tar-residenza.*

8. *Anki li kieku kellu jistenna erbatax-il jum, xorta waħda kien fadallu sittax-il jum ieħor biex japplika. Propjament iż-żmien li kien fadallu biex japplika kien itwal miż-żmien li ħadu l-awtoritajiet biex joħorġulu d-dokument tar-residenza. Dan iż-żmien kien biżejjed biex l-appellant isib ħin u jmur japplika.*

9. *Tajjeb jingħad li il-ligi hija ċara u tgħid li t-terminu ta' tletin jum jibda jiskorri mid-data li fiha dik il-persuna tkun ittrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta. Dan il-perjodu huwa maħsub biex jinkudi l-proċess kollu, u li jinkludi ż-żmien meta persuna tapplika għar-residenza tagħha kif ukoll iż-żmien biex tapplika għall-eżenzjoni mit-taxxa tal-vetturi. Filfatt, għalkemm l-awtoritajiet ħadu erbatax-il jum, kien fadal biżejjed żmien biex l-appellant japplika għall-eżenzjoni tat-taxxa fuq il-vetturi. Issa jekk l-appellant mar japplika jumejn tard, ma jistax jiġi wara u jwaħħal fid-dipartimenti tal-Ġvern jew fuq il-proċedura li hi reġolata bil-liġi.*

10. *Lanqas ma jista' l-appellant jgħid li ma kellux l-informazzjoni kollha neċessarja. Fil-fatt fuq l-ewwel paġna tal-applikazzjoni għall-eżenzjoni tat-taxxa tal-vetturi hemm indikat li "applicants should read all the information on applicabillity and eligibility regarding Exemption from Motor Vehicle Registration" u fost ir-regoli l-oħra hemm ir-reġola li kienet tapplika għal-appellant li tghid "where a vechile has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring the residency within 30 days". Allura kien jistenna mill-appellant li jirrispetta it-terminu stabilit mil-liġi.*

11. *Għal dawn ir-raġunijiet il-Ministeru għall-Finanzi ma jista jaħti għall-ebda ħtija. Il-Ministeru mexa skont l-informazzjoni li kien hemm fl-applikazzjoni li ssotometta l-appellant stess u mad-dokumenti annessi magħha. Il-Ministeru evalwa l-applikazzjoni skont il-liġi u bbaża id-deċizjoni tiegħu skont il-ligi wkoll. In-nuqqas tal-appellant li applika barra mit-terminu kienet ċara u l-Ministeru ma kellu l-ebda triq oħra ħlief li ma jaċċetax l-applikazzjoni tal-appellant .*

12. *Dan kien il-ħsieb ukoll ta' dan l-Onorabli Tribunal f'deċizjonijiet preċedenti fejn iddeċieda li "[k]jarament it-terminu ta' tletin ġurnata huwa wieħed mill-kriterji tassattivi biex tingħata l-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni. Ghaldaqstant, it-tribunal huwa tal-fehma illi l-Board ma seta' jagħmel l-ebda ħaga oħra ħlief li joħrog ir-rifjut tal-istess ezenzjoni. [It-Tribunal] ma jistgħax jannulla d-deċizjoni mehuda mill-Board peress li din ma tippekka bl-ebda mod, la legalment u lanqas fattwalment".*[1] "

[1] Claudia Carmicio vs. Ministeru tal-Finanzi et, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, Rikors 2/15, deċiż 11/10/2016, paġna 11.

Ra l-affidavit tar-rikorrenti;

Sema' lir-rikorrent, lil Olga Grela u lil Francis Attard;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni orali;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 19 ta' Ottubru 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01)*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 3013 under rule 4(3)(e) which stiuplates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which that person had transferred his residence to Malta".*

Illi ghalhekk jirrizulta illi l-bazi tar-rifjut tal-Bord tinsab fir-Regolament 4 (3) (e) tal-Avviz Legali 440 tal-2013 li jghid is-segwenti:-

***"(3) Biex vettura tkun tista' tikkwalifika ghall-ezenzjoni taht is-subregola (1):***

***(e) jekk il-vettura tkun diga` waslet f'Malta, l-applikazzjoni ghall-ezenzjoni ghandha ssir fuq il-formola preskritta mill-persuna li tkun qieghda tittrasferixxi r-residenza taghha fi zmien tletin gurnata minn meta l-vettura tkun waslet Malta."***

---

Ara wkoll: Jacqueline Vella vs Ministeru tal-Finanzi et, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, Rikors 79/2013, deċiż 18/05/2015, paġna 7, u Jorge Alvarez Granado vs. Ministeru tal-Finanzi et, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, Rikors 82/2013, deċiż 20/07/2015., paġna 9,

Illi fl-affidavit tiegħu **r-rikorrenti** jispjega illi huwa wasal Malta, bil-vettura in kwistjoni, fis-16 ta' Gunju 2017 peress li kellu offrut xoghol hawn Malta. Sussegwentement huwa applika ghar-*residence card* u fil-5 ta' Settembru 2017 ircieva ittra minghand Identity Malta li seta' jmur jigbor l-istess *card*. Jispjega li meta gabar ir-*residence card* din kienet datata 22 ta' Awwissu 2017. Sussegwentement, fis-26 ta' Settembru 2017, huwa applika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni pero` ircieva ittra li permezz taghha gie infurmat li ma kienx jikkwalifika peress li kien lahaq ghadda t-terminu ta' tletin gurnata *entro* liema seta' japplika. Huwa jishaq li ma setghax japplika qabel stante li ma kellux f'idejh r-*residence card*. Ghaldaqstant jargumenta illi kien tort ta' Identity Malta illi huwa ma applikax fil-hin u dan stante li minkejja li r-*residence card* kienet lesta fit-22 ta' Awwissu 2017 huwa gie infurmat li seta' jigborha biss fil-5 ta' Settembru, 2017. In kontro-ezami stqarr illi wara li rcieva l-ittra ta' Identity Malta fil-5 ta' Settembru 2017 huwa kien taht l-impressjoni li kellu perjodu ta' tletin gurnata *entro* liema seta' japplika ghall-ezenzjoni

**Olga Grela**, mart l-imputat, stqarret illi fil-kaz taghha hija wkoll applikat ghar-*residence card* fis-7 ta' Awwissu 2017 pero` giet mgharrfa illi setghet tigbor l-istess *card* fit-30 ta' Ottubru 2017 anke jekk minn fuq id-dokument innifsu jirrizulta li din giet mahruga fit-22 ta' Awwissu 2017.

**Frans Attard**, ufficjal fi hdan il-Ministeru intimat, spjega illi r-rikorren fl-applikazzjoni tieghu ddikjara illi huwa ttrasferixxa r-residenza ordinarja tieghu hawn Malta fit-22 ta' Awwissu 2017 mentri huwa ssottometta l-istess applikazzjoni fit-23 ta' Settembru 2017. Huwa stqarr illi l-Bord joqghod fuq id-data tat-trasferiment tar-residenza dikjarata mill-applikant ghalkemm jitlob ukoll li jara r-*residence card*. Ma joqghodx biss fuq l-imsemmija data mnizzla fl-applikazzjoni meta dik id-data tkun data li tigi wara li tkun harget ir-*residence card*.

**Ikkunsidra:**

Illi l-aggravju principali tar-rikorrent huwa dwar minn meta jiskattaw it-tletin gurnata biex wiehed japplika ghall-ezenzjoni. Filwaqt li hu jishaq li dawn ghandhom jiskattaw minn meta huwa gie mgharraf li seta' jigbor ir-*residence card*, il-Ministeru intimat jishaq illi t-terminu ta' tletin gurnata jiskattaw mid-data li l-applikant jaghzel li jnizzel fl-

applikazzjoni tieghu dwar meta ttrasferixxa r-residenza tieghu hawn Malta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent wasal hawn Malta flimkien mal-vettura in kwisjtoni fis-16 ta' Gunju 2017;
2. Illi sussegwentement, f'xi data mhux stabbilita, huwa applika ghar-*residence card;*
3. Fil-5 ta' Settembru 2017 ircieva ittra minghand Identity Malta biex imur jigbor il-*card* li wara rrizultalu li effettivament harget fit-22 ta' Awwissu 2017;
4. Fit-23 ta' Settembru 2017 applika ghall-ezenzjoni in kwistjoni b'dana illi fl-istess applikazzjoni jiddikjara li ha r-residenza ordinarja tieghu hawn Malta fit-22 ta' Awwissu 2017.

Illi dan it-Tribunal jista' jifhem ghala r-rikorrent proprju ghazel li jpoggi d-data tat-22 ta' Awwissu 2017 bhala d-data tat-trasferiment tar-residenza tieghu hawn Malta. Dan probabilment ghamlu ghaliex ir-*residence card* kienet proprju turi li harget f'dik id-data. Pero` fl-istess applikazzjoni, fuq il-faccata taghha, hemm diversi definizzjonijiet tat-termini li wiehed isib fil-ligi u fl-istess applikazzjoni, fejn fost ohrajn hemm illi *"transfer of residence"* tfisser *"the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta".* In oltre fl-istess faccata hemm imnizzel ukoll is-segwenti "*In addition to the above, where a vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption has to be made by the person transferring the residence within 30 days from the date on which that person had transferred his residence to Malta."* Illi t-Tribunal jirrizultalu illi r-rikorrent huwa fluwenti fil-lingwa Ingliza u ghalhekk certament ma seta' kellu l-ebda diffikulta jifhem dawn it-termini.

Illi certament it-trasferiment tar-residenza tar-rikorrent hawn Malta ma jistghax jinghata xi data wara t-22 ta Awwissu 2018 u cioe` d-data mnizzla fir-*residence card* u fl-applikazzjoni *de quo*. Ghalhekk it-terminu ta' tletin gurnata jibdew jghaddu mid-data msemmija u mhux minn meta huwa rcieva li seta' jigbor ir-*residence card*. Illi mkien fl-applikazzjoni ma jirrizulta illi wiehed ghandu joqghod jistenna r-*residence card* biex japplika ladarba hemm terminu li huwa fatali jekk jiddekorri. Fil-fatt, fl-ahhar pagna tal-applikazzjoni, wiehed isib lista ta' dokumenti li jistghu jintalbu lil applikant. Fost dawn wiehed isib ir-*residence document*. Ghalhekk dan id-dokument, flimkien ma'

dokumenti ohra, jistghu jigu mitluba u mhux li huma tassattivi li jigu inkluzi mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Illi b'referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, it-Tribunal jirrileva illi l-Bord qatt ma jista' jasal ghal sitwazzjoni fejn jaghti l-ezenzjoni u sussegwentement jirrizulta li l-applikazzjoni ghar-*residence card* giet rifjutata. Dana ghaliex kif spjega Francis Attard, meta l-Bord ikun qieghed jezamina l-applikazzjoni huwa jitlob li jivverifika r-*residence card*. It-Tribunal jifhem li f'kaz li din tkun ghadha ma nhargitx il-Bord jistenna li din tohrog qabel jaghti d-decizjoni tieghu. L-importanti hu li l-applikazzjoni tkun giet sottomessa *entro* tletin gurnata minn meta l-applikant ikun ghazel li jiddikjara li ha r-residenza tieghu hawn Malta u naturalment din id-data tkun qabel id-data ta' meta harget l-imsemmija *residence card*. Illi t-Tribunal jirrileva illi t-trasferiment tar-residenza jsehh f'dak il-mument li persuna li tkun hawn Malta tifforma dik l-intenzjoni li tibqa' tirrisjedi b'mod permanenti hawn Malta. Din l-intenzjoni certament tkun iffurmata ladarba persuna tapplika ghar-*residence card*. Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrent li tilef din l-ezenzjoni biss ghal ftit jiem ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni tal-Bord ghaliex din ittiehdet fil-parametri tal-ligi.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet fuq esposti, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell interpost mir-rikorrent mid-decizjoni appellata datata 19 ta' Ottubru 2017 u filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni l-eccezzjoni fil-paragrafu numru tlieta (3) tar-risposta tal-Ministeru intimat, jilqa' l-bqija tar-risposta.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**